

# Il-Kalkara fl-Imgħoddi

## Storja u Arti
## Mario Fenech

Għal dan l-artiklu tiegħi żewġ ritratti li juru xeni mill-Kalkara madwar ħamsin u sittin sena ilu. Fihom jidhru il-parti antika ta' ġewwa ta' Xatt ta' taħt il-Kappella tas-Santissmu Salvatur. Tidher sew il-Koppla ċatta tagħha u bi statwa fin-niċċa fuq il-bieb tagħha. Il-Binja li tidher fi ċentru ta' ritratt tista' tinnota li l-binja kienet ferm qabel ma ġiet mibnija l-blokka tan-naħa ta' xellug fejn illum hemm il-ballun. Fuq in-naħa tal-lemin ta' ritratt fejn illum hemm il-*boatyard* meta tħares lejn ir-ritratt tista' tara blokka li għadha qed tinbena, filwaqt li l-fuq hemm parti li għadha ma ġietx mibnija. Dan ir-ritratt nisgħtu ngħidu li ġie miġbud wara t-Tieni Gwerra Dinija meta kien għadu qed isir ix-xogħol tal-bini mill-ġdid jew jiġi imsewwi mi tifrik tal-bombi. Meta tifli sew ir-ritratt il-parti fejn illum hemm il-ballun tista' tara li l-binja hija miftuħa u x'aktarx dan minħabba l-blast tal-bombi. Dan jista' jkun li l-binja ma ġietx imsewwija qabel sakemm komplet tiġġarraf bl-elementi biex spiċċat kif konna nafuha sa ftit żmien ilu. Ir-ritratt nisgħtu ngħidu li inġibed għas-snin ħamsin xhieda ta' dan huma żewġ laneċ li hemm fuq il-moll u dgħajsa tal-qlugħ li hemm fuq in-naħa ta' wara ta waħda minnhom, aktar xhieda huma l-ilbies ta' żewġ irġiel li hemm fuq il-moll.

Ir-ritratt l-ieħor hija waħda mill-ewwel kartolini bil-kulur li kienu ġew ippubblikati b'xeni ta' raħal tal-Kalkara. Nisgħtu ngħidu ukoll meta inġibdu dawn ir-ritratti bejn wieħed u ieħor għaliex il-faċata tal-knisja hija lesta minn kollox. Dan ifisser li kien wara sena 1962 li matulha kienet inbniet il-Koppla tal-Knisja . Iż-żewġ ritratti l-oħrajn juru d-dawra ta' Xatt tal-Kalkara bi telgħa li twasslek lejn il-Bini tal-Isptar Navali ta' Bighi u dehra ġenerali tal-Menqa fejn illum ġiet imwessa' bi tneħħija tal-bini li kien hemm taħt is-sur sa ftit żmien ilu. Għalkemm wieħed jista' jgħid meta ġew miġbudin dawn ir-ritratti ma tantx għaddew snin, xorta waħda dawn jgħatu ħjiel ta' kemm dan il-Lokal tant sbejjaħ ħdejn il-baħar żamm l-identita tiegħu matul dawn l-aħħar sittin sena.

Like us on Facebook
Għaqda Mużikali San Ġużepp Kalkara




Greetings from
KALKARA
MALTA